



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15747/22

AGRI 701
AGRIFIN 146
FIN 1317

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Diċembru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15111/22	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 16/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Data fil-Politika Agrikola Komuni – Potenzjal mhux imwettaq tal-big data għall-evalwazzjonijiet tal-politika" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali tagħha 16/2022 bit-titlu: "Data fil-Politika Agrikola Komuni: Potenzjal mhux imwettaq tal-big data għall-evalwazzjonijiet tal-politika"

adottati mill-Kunsill fit-3921 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali tagħha 16/2022 bit-titlu:
"Data fil-Politika Agrikola Komuni: Potenzjal mhux imwettaq tal-big data għall-evalwazzjonijiet
tal-politika"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 16/2022 "Data fil-Politika Agrikola Komuni: Potenzjal mhux imwettaq tal-big data għall-evalwazzjonijiet tal-politika", li vvalutat kif il-Kummissjoni tuża d-data u l-analitika tad-data għall-analiżi tal-politika tal-PAK u kif qed tħejji biex tagħmel użu aħjar mill-Big Data;
2. IQIS li r-rapport huwa rilevanti u f'waqtu fid-dawl tal-progress fit-teknoloġiji diġitali u l-fatt li l-agrikoltura hija settur fejn l-innovazzjonijiet u t-teknoloġiji diġitali qed jiġu applikati dejjem aktar, anke jekk id-distakk diġitali fost il-bdiewa jista' jikkawża dewmien fl-aqwa użu ta' dawn it-teknoloġiji;
3. JIRRIKONOXXI li minbarra l-oġġettivi tal-PAK li qed jevolvu biex jindirizzaw l-isfidi li qed jevolvu, inkluż tħassib dwar is-sigurtà tal-ikel, is-sikurezza tal-ikel, l-ambjent u l-klima u l-aspettattivi dejjem jinbidlu tal-konsumaturi, il-ħtiġijiet tad-data wkoll evolvew u estendew għal aspetti oħra bħall-varjabbli agroambjentali, l-emissjonijiet u l-bijoenerġija;
4. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi qafas għall-użu ta' data diżaggregata mis-SIAK u biex tagħmel aktar użu mis-sorsi tad-data u tiżviluppahom biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' politika, li l-Kummissjoni taċċetta; JENFASIZZA li jrid jitqies il-piż finanzjarju u amministrattiv u li huwa meħtieġ li wieħed jimmira għal proporzjonalità ġusta bejn il-ħtieġa ta' data u l-piż amministrattiv u finanzjarju involut;

5. JILQA' B'SODISFAZZJON is-sejba tal-Qorti li l-Kummissjoni qed tuża ammont sinifikanti ta' data dwar aspetti ekonomiċi, ambjentali, klimatiċi u soċjali u ħadet diversi inizjattivi biex tagħmel użu aħjar mid-data eżistenti, kif ukoll il-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti tal-kisbiet li saru fir-rigward tal-fatt li ammonti kbar ta' data saru disponibbli għall-pubbliku ġenerali permezz tal-Portal tad-Data Agroalimentari tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali;
6. JIRRIKONOXXI l-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda biex jimtlew il-lakuni attwali fid-data u l-possibbiltà li jiġu sostitwiti sħarriġiet eżistenti onerużi u għaljin, u l-fatt li kwalunkwe progress fil-kisba ta' aċċess għal sorsi ġodda ta' data ser jirrikjedi l-istabbiliment ta' inċentivi, infrastruttura u soluzzjonijiet ta' benefiċċju għal kulħadd; JENFASIZZA li l-lakuni fid-data li għandhom jimtlew mill-PAK, iridu jkunu limitati għall-kamp ta' applikazzjoni agrikolu u li trid tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-privatezza;
7. JINNOTA li, mit-tlestija ta' dan ir-Rapport Speċjali 'l hawn, kien hemm aktar progress f'xi oqsma ewlenin, inkluż il-proposta leġiżlattiva biex in-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola (FADN) jiġi kkonvertit f'Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN). Barra minn hekk, l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati marbuta mas-SIAK (Reg. (UE) 2022/1172 u 2022/1173) u r-Regolament ta' implimentazzjoni dwar id-Data għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni (Reg. (UE) 2022/1475) ġew adottati u ppubblikati;
8. JIRRIKONOXXI li hemm inizjattivi madwar l-UE li qed jesploraw il-possibbiltajiet biex jiġu mmodernizzati d-data u l-ġhodod tal-IT għat-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK u JIFHEM li hemm lok għall-inkorporazzjoni ta' analitika avvanzata kosteffettiva u ġhodod relatati fis-sistemi tal-IT eżistenti u/jew soluzzjonijiet oħra tal-IT għall-ipproċessar awtomatizzat tal-informazzjoni.